# IT-TWAQQIF TA' PARROĊĊA GĦAL-LVANT TA' GĦAWDEX U KEMMUNA FL-1688

*Daniel Meilak*

Hafna ttentaw janalizzaw u jinterpretaw dak li ġara fit-28 ta' April 1688. Hafna wkoll setgħu kienu l-motivi tagħhom. Kull bniedem, anke l-istoriku, għandu l-preġudizzji u l-*forma mentis* tiegħu, kif ukoll, kull storiku huwa prodott ta' soċjetà, kultura li fiha jgħix u jimrah. Li niċħdu dan inkunu qed naqtgħu l-bniedem mill-umanità tanġibbli tiegħu li tieħu postha fi żmien u spazju. Dawk li interessaw ruħhom jistudjaw il-ġenesi tal-parroċċa ġdida għal-Lvant ta' Għawdex fl-1688, terġa', lanqas ma kienu kollha storiċi – ħafna minnhom kienu biss dilettanti. Dan ma għen xejn biex l-affarijiet jissolvew. Anzi, kompla ħabbel il-kobba - li minnha nfisha diġà ma kinitx xi avventura eċitanti u pjaċevoli bħal tar-*Robinson Crusoe* - biex, jekk almenu ma tinħallx, jinstabilha mqar xi tarf.

L-istorjografija (jekk tikkwalifika li tiġi msejħa hekk) li trattat dan l-istudju partikulari fil-passat u anke riċentament tista' tinqasam fi tlieta. Hemm dawk li kienu motivati, jekk mhux ukoll ikkummissjonati min-naħa 'l waħda. Bl-istess manjiera min-naħa l-oħra, u dawk li kienu aktar newtrali, anke jekk waslu biex ħadu xi pożizzjoni partikulari. X'tistenna mill-ewwel żewġ kategoriji? Ġeneralment, kulħadd dawwar il-leġittimità tal-parroċċa fuq in-naħa tiegħu. F'ħafna mill-'istudji' li saru, in-nuqqas ta' oġġettività, mhux talli kienet trattata ħalli ma tgħarraqx kollox fis-suġġettiviżmu, imma talli kienet rampanti u determinattiva. Sal-lum donnu għadu suġġett li joħloq kontroversja kull darba li ssemmih, u jkun hawn min jgħidlek: 'Oqgħod attent ħalli ma taqlax inkwiet.'

Xħin nirrifletti dwar dan kollu, nirrealizza kemm l-istorja għadha użata għal xi kwalifika ta' leġittimità li individwu jew komunità jista' jkollha fuq ħaddieħor. Barra minn dan, għadha wkoll storja parrokkjalista li aktar mill-ġid, ħsara tista' tagħmel. Id-djalettika ta' 'aħna' u 'huma', tal-'jien' u l-'ieħor' hija rifless ta' kumplessità li nsofru biha, xi waqtiet b'mod esaġerat, aħna l-Maltin – f'ħafna oqsma. Hija taqbida għall-identità li bħala nazzjon żgħir dejjem ried ifittex u jmantni; identità li dejjem kellha tiddistingwi ruħha mir-realtà tal-bqija li hi ħafna akbar, mostruża u tista' tiblagħna f'kemm trodd salib. Nasal biex ngħid ukoll li forsi għadna ma mmaturajniex biżżejjed biex nistudjaw l-affarijiet b'mod aktar intelliġibbli, onest u b'motivazzjoni waħda – it-tfittxija għall-verità, anke jekk din tal-aħħar hija kumplessa (jekk mhux ukoll xi drabi tfieri u toħroġ id-demm), daqs kemm hu kumpless il-bniedem u dejjem f'xifer l-irdum għax mheddha bir-relattiviżmu, bħal ġarra fina fina li tista' tinkiser.

Dan l-artiklu ser jipprova jorjenta l-perspettivi u jerġa' jevalwa l-evidenza ta' kif setgħu seħħew il-ġrajjiet. Ma naspira bl-ebda mod li dan li ser nikteb huwa perfett, jew li huwa finali u inkontestabbli, imma ser nittenta nagħti l-aħjar. L-oriġinalità ewlenija ta' dan l-artiklu se jkun prinċipju, jew aħjar, distinzjoni li ser nintroduċi ma' dawk li kitbu qabli. Meta flejt l-evidenza dehrli li hemm bżonn nelenka d-distinzjoni bejn dak li ġie intenzjonat u promulgat b'mod uffiċjali u formali, (jiġifieri mill-isqof, il-vigarju ġenerali, in-nutar u oħrajn li kollha kemm huma kienu barranin – mhux mill-inħawi in kwistjoni), u dak li ġie mifhum u mwettaq fil-prattika u b'mod informali (jiġifieri min-nies infushom li kellhom jgħixu dawn il-bidliet, bħall-kappillan Bernard Haber u oħrajn).

## Id-dikotomija

Stampa ġenerali ta' kif kienet imqassma l-popolazzjoni Għawdxija jagħtiha ċensiment li kien sar fl-1667. Għawdex kellu popolazzjoni ta' 4,168 ruħ. In-Nadur kien fih 178 ruħ jgħixu f'37 dar. Biex inqabbluh – dan huwa sostanzjalment inqas mix-Xewkija (403 ruħ) u l-Għarb (324 ruħ). Fil-fatt dawn kienu l-akbar irħula ta' Għawdex, naturalment wara l-Kastell u s-subborg, u kienu huma l-ewwel reġjuni barra r-Rabat li twaqqfu parroċċi (1678 u 1679 rispettivament). Iżda n-Nadur kien fih nies daqs bejn wieħed u ieħor ta' Sannat li kien fih 173 ruħ. Mill-banda l-oħra, il-Qala kellha biss 65 ruħ jgħixu f'14-il dar, inqas minn terz tal-popolazzjoni tan-Nadur u kważi daqs l-Imġarr (57 ruħ f'14-il dar), Marsalforn (55 ruħ), u l-Fontana (61 ruħ). Kemmuna kien fiha 27 ruħ fi 8t idjar. B'kollox, skont dan iċ-ċensiment tal-1667 (21 sena qabel it-twaqqif), it-territorju li twaqqaf parroċċa kien fih 327 ruħ jgħixu f'73 dar. Iċ-ċensiment mela jħallina b'dan il-kwadru.[1]

Wara li kienet inħasset il-ħtieġa għall-qtugħ ta' parroċċi ġodda f'Għawdex minn snin qabel u b'mod immedjat sa mill-1687, kien bid-digriet 'Cum In Prima', li permezz tiegħu, l-Isqof ta' Malta u Għawdex Davide Cocco Palmieri (1637-1711) fit-28 ta' April 1688, waqqafhom. Dakinhar il-parroċċi l-ġodda kienu f'din l-ordni u b'dan l-isem: Santa Margerita ta' Sannat, Sant'Anton tax-Xagħra, Santa Marija tal-Qala u Santa Marija taż-Żebbuġ.[2] Minbarra li d-digriet isemmi dan, huwa jidħol ukoll xi ftit iżjed fid-dettall f'kull parroċċa ġdida li kien qed iwaqqaf. Li jinteressa l-aktar hawn huwa dwar Santa Marija tal-Qala. Punt inkontestabbli hu li din il-parroċċa l-ġdida kienet tinkorpora fiha l-Lvant ta' Għawdex u Kemmuna.

Id-digriet huwa kemmxejn twil, iżda parti minnu li trid tingħata l-importanza li tixraqilha hija fejn jiġi dikjarat li dawn il-parroċċi qed jitwaqqfu - fit-tieni folja. Id-digriet itenni hekk:

*Declarantes ex tunc in antea et in perpetuum Ecclesias praefatas S[anctae] Margeritae ta' Sannat, S[anc]ti Antonii de la Caccia, S[anc]tae Mariae de la Cala et S[anc]tae Mariae Virtutum sive Assumptionis de Zebug,*



Il-kliem li bih id-digriet 'Cum In Prima' jwaqqaf il-parroċċa fl-1688.

*seu alias in locis a Nobis infra designandis de novo construendas, esse vere ac cum effectu Parochiales et Curatas distinctas, et ad invicem separatas cum populo, et populis ibidem respective habitantibus...*[3]

li bil-Malti tiġi tradotta:

*Filwaqt li niddikjaraw li minn issa 'l quddiem u għal dejjem l-imsemmija knejjes ta' Santa Margerita ta' Sannat, ta' San Anton ta' Caccia, ta' Santa Marija tal-Qala, u ta' Santa Marija tal-Virtujiet jew Imtellgħa s-Sema taż-Żebbuġ, jew inkella oħrajn li għandhom jinbnew mill-ġdid f'imkejjen li jiġu minna indikati iktar 'il quddiem, huma verament u b'effett [immedjat] magħżula bħala parrokkjali taħt it-tmexxija ta' Kappillan, u waħda wara l-oħra mifruda bil-poplu [tagħhom], u bin-nies li jgħixu fl-inħawi rispettivi...*[4]

Ftit hemm lok għal misinterpretazzjoni f'dawn il-linji. L-isqof Cocco Palmieri waqqaf erba' parroċċi li tnejn minnhom kienu għadhom bla knisja parrokkjali. Jiġifieri meta d-digriet isemmi li qed jaqta' l-erba' parroċċi msemmija qed jitkellem mill-knejjes ta' Sannat u taż-Żebbuġ għaliex dawk kellhom jibqgħu l-istess knejjes fl-istess post iżda jiġu modifikati. Però fejn isemmi 'jew inkella oħrajn li għandhom jinbew mill-ġdid f'imkejjen indikati iktar 'il quddiem,' qed jirreferi għal dik tax-Xagħra u tal-Qala li kellhom jinbnew aktar tard kif indikat. Fi kliem aktar sempliċi u dirett, fir-rigward tal-parroċċi ta' San Anton tax-Xagħra u ta' Santa Marija tal-Qala, l-isqof kien qed jaħtar knisja parrokkjali li għadha ma teżistix, jew aħjar, teżisti biss bħala kunċett *a priori*. Dan ikompli jagħmel sens ukoll fid-dawl ta' dan li ġej.

Iktar 'il quddiem fid-digriet, meta jiġu ċċarati l-limiti u l-beni tal-parroċċi l-ġodda, għall-parroċċa tal-Lvant ta' Għawdex hemm hekk: 'Aħna nordnaw lil Dun Bernard Haber biex jibni għall-kumdità tal-poplu knisja parrokkjali fuq spazju pubbliku fuq l-għolja Ta' Nadur...'[5] Dan jikkawża ċertu implikazzjonijiet, jekk mhux ukoll paradoss. Ifisser li l-knejjes ta' Sant'Anton tax-Xagħra u Santa Marija tal-Qala[6] qatt ma kienu knejjes parrokkjali b'mod uffiċjali, jew formali. Kienu użati biss bħala knejjes li jaqdu l-ħtiġijiet reliġjużi tal-insara rispettivi: fil-prattika jaqdu l-funzjoni li suppost taqdi knisja parrokkjali, iżda mhux uffiċjalment knejjes parrokkjali, tal-inqas skont id-digriet tal-1688. Hemm ċar li l-knejjes parrokkjali f'dawn il-parroċċi l-ġodda kienu dawk li ser ikunu mibnija. Konsistentament, meta mbagħad jiġi biex jaħtar il-kappillani l-ġodda, id-digriet jagħmel differenza bejn il-parroċċi ta' Sannat u taż-Żebbuġ ma' dik tax-Xagħra u tal-Qala. Fir-rigward tal-ewwel tnejn jgħid dwar kif dawn huma kappillani tal-knejjes parrokkjali eżistenti, waqt li għal dik tax-Xagħra u Santa Marija tal-Qala jgħid li dawn huma kappillani tat-territorju, u ma jżidx li huma wkoll tal-knisja taħt l-istess titlu għax il-knisja parrokkjali tagħhom kienet għadha trid tinbena.[7]

Dan mhux argument ġdid. Diġà sostnieh Alexander Bonnici fl-1988.[8] Joseph Bezzina riċentament alluda wkoll għalih fil-kuntest tal-parroċċa tax-Xagħra.[9] Kif kien, iżda, possibbli li titwaqqaf parroċċa mingħajr knisja parrokkjali eżistenti (u damet hekk għal snin sħaħ sa meta tlestiet il-knisja l-ġdida fuq l-għolja 'Ta' Nadur')? Li wieħed jimmaġina li dan mhux possibbli huwa fallaċju. Id-Drittu Ekkleżjastiku dak iż-żmien kien jifhem b'parroċċa bħala entità ġuridika marbuta ma' territorju, u mhux neċessarjament ma' knisja parrokkjali.[10] It-territorju ta' din il-parroċċa l-ġdida għal-Lvant ta' Għawdex huwa ċar u kien jinkludi fih il-Qala, in-Nadur, Għajnsielem, l-Imġarr u Kemmuna fost oħrajn.

Fl-aħħar lista semmejt l-ewwel il-Qala. Jibqa' aspett mid-digriet li jrid jiġi spjegat aħjar. Qabel ma' wieħed jaqbad ifajjar li fl-1688 twaqqfu Ta' Sannat, ix-Xagħra, in-Nadur u ż-Żebbuġ bħala parroċċi ġodda, irid jiġi kkunsidrat dan li ġej. Fid-digriet 'Cum in Prima' m'hemm imkien b'mod espliċitu li qed titwaqqaf il-parroċċa tan-Nadur. Il-ħin kollu tiġi msemmija Santa Marija tal-Qala. L-iżball ta' wħud kien li dawn qabdu u kkonkludew li qed jirreferi l-ħin kollu għall-knisja ta' Santa Marija tal-Qala. Konklużjoni għaġġelija. Dan fil-fatt mhux dejjem minnu. Fid-digriet, meta tissemma din il-parroċċa in kwistjoni u kif ser ikunu l-limiti tagħha, hemm sikwit imsemmi 'reġjun, jew contrada S. Maria tal-Qala': imma din mhux il-knisja![11] Jiġifieri bil-Qala kien qed jirreferi għat-*territorju* tal-parroċċa l-ġdida mhux għall-*knisja* ta' Santa Marija tal-Qala.

Filfatt, aktar qabel, meta jiġu definiti l-beni u l-limiti tal-parroċċa tax-Xagħra d-digriet jgħid li l-wied tar-ramla nofsu jagħmel mal-imsemmija parroċċa tax-Xagħra u n-nofs l-ieħor 'jitħalla għall-Qala,'[12] u l-istess, meta jirreferi għall-inħawi tal-parroċċa tal-Lvant ta' Għawdex, id-digriet isemmi 'contrada tal-Qala u l-pertinenzi tagħha, jiġifieri n-Nadur, Kemmuna u r-Ramla...'[13]

Kif jista' dan li għidt jiġi interpretat? Ix-xenarju hu dan: l-isqof iwaqqaf parroċċa-territorju li jsemmiha Qala u li bħala knisja parrokkjali kellha waħda destinata li tinbena fuq l-għolja 'Ta' Nadur', li għad-digriet kienet biss 'pertinenza' tal-Qala. Minkejja li iktar 'il fuq ġie spjegat li twaqqfet parroċċa li l-knisja tagħha kellha tkun fl-inħawi msejħa ta' Nadur, imma d-digriet din il-parroċċa jagħtiha l-isem ta' Qala. Il-konfużjoni ta' Dun Bernard Haber (1634-1705) setgħet kienet proprju din. Kif il-parroċċa uffiċjalment jisimha 'Qala', imma ċ-ċentru ġeografiku tagħha u fejn kienet ser tinbena l-knisja parrokkjali l-ġdida, li bħal kull oħra kellha tkun il-qalb tal-parroċċa, kien in-Nadur? Tant hu minnu li din il-parroċċa tissejjaħ Qala, li għaxar snin wara nsibu referenza aktar ċara. Fil-Viżta Pastorali li saret fl-1698 mill-Vigarju Ġenerali Mons. Antonio Manso hemm mniżżel ċar li l-parroċċa jisimha 'Casalis Cala'.[14]

Mhux hekk biss, imma waqt li l-Qala hija kwalifikata bħala *casalis*, jiġifieri raħal, in-Nadur imsemmi bħala biss *contrada*, jiġifieri naħa jew parti minn entità aktar rikonoxxuta, f'dan il-każ tal-Qala – in-Nadur parti mill-Qala.[15] Dan hu evidenza li tikkonferma li l-parroċċa tal-Lvant ta' Għawdex kienet uffiċjalment magħrufa bħala *Casalis Cala*. Dak iż-żmien mat-twaqqif ta' parroċċa, naħa kienet tiġi mgħollija għal-istatus ta' *casalis*. Il-fatt li fl-1698 (għaxar snin wara t-twaqqif) il-Qala kienet saret *casalis* u n-Nadur kien għadu riferut bħala *contrada* jaċċenna u jikkonferma l-'Cum in Prima' li uffiċjalment kien inftiehem li l-parroċċa tal-Lvant ta' Għawdex kienet magħrufa bħala l-Qala. Bonnici żbalja meta poġġa d-deskrizzjoni ta' Giovanni Antonio Ciantar lin-Nadur bħala 'villaggio', jiġifieri raħal, fil-kuntest tat-twaqqif tal-parroċċa,[16] għaliex dan il-ktieb ħareġ fl-1780 meta n-Nadur kien ilu meqjus raħal.[17]

Dan kollu li ngħad s'issa hawn fuq huwa b'mod uffiċjali kif fehmu l-affarijiet. Iżda fil-prattika bħal donnu kien mod ieħor. Fil-fatt, fid-dokumenti li għandna wara hemm fejn Haber jikteb 'Kappillan ta' din il-parroċċa,' mingħajr ma jispeċifika fejn, għaliex kif isemmi Bonnici, 'billi l-knisja parrokkjali kienet għadha ma nbnietx, għall-ewwel, hu [Haber] ħassha diffiċli jsejjaħ lilu nnifsu "Kappillan tan-Nadur."'[18] Jidher li dan in-nuqqas ta' ftehim ġie kkoreġut mill-ewwel minn Haber. Fl-1695 hu jirreferi għalih innifsu 'Kappillan tan-Nadur' u xi snin qabel fl-1691 diġà l-kappillan tax-Xewkija rrefera għalih bħala 'Kappillan tan-Nadur.' L-1699 minbarra li hija sena importanti għaliex fiha għall-ewwel darba nsibu li l-knisja parrokkjali kienet iddedikata lil San Pietru u San Pawl, hija sinifikanti wkoll li fiha għall-ewwel darba n-Nadur jissemma bħala 'Casalis' mill-awtoritajiet Ekkleżjastiċi.[19] Dan b'mod uffiċjali. Fil-prattika, għal Dun Bernard Haber in-Nadur kien ilu bl-istatus ta' raħal (jikkonferma li hu fehem il-parroċċa għan-Nadur mela) u hekk isejjaħlu fl-1695.[20] Fl-1719 imbagħad, mappa ta' Malta u Għawdex uriet kif in-Nadur kien imsejjaħ 'Casale' u mhux il-Qala.[21] Għal Agius de Soldanis, li kien qiegħed jikteb biss ftit deċennji wara dawn il-ġrajjiet, in-Nadur kien 'raħal', kien 'it-tielet [parroċċa] li waqqaf l-Isqof Cocco Palmieri fis-sena 1688' u jolqot il-musmar fuq rasu meta jgħid il-fatti eżattament kif kienu ġraw: li l-poplu 'għall-ewwel beda *jiddobba* bil-knisja tal-Madonna tal-Qala...'[22] Dan juri kif fil-prattika kienu interpretati l-affarijiet verament. F'*Malta Illustrata* imbagħad Abela-Ciantar fl-1780 isemmu li n-Nadur huwa *villaggio*, waqt li l-Qala kienet *contrada* (tiegħu).[23] Dawn ir-referenzi jiswew mitqlu deheb għaliex juru kif inftiehem id-digriet, mhux minna – aktar minn 325 sena wara - imma fil-prattika min-nies li kienu qed jgħixu fi żmienu u li kien direttament jaffettwahom.

Wara dan kollu, il-konklużjoni tkun din. Kien hemm dikotomija bejn kif fehmu l-affarijiet l-uffiċjali (l-Isqof u dawk li kienu responsabbli mil-legalitajiet tat-twaqqif tal-parroċċa u tal-Viżti Pastorali), u kif inftiehmu l-affarijiet fil-prattika, jiġifieri min-nies li kienu jgħixu fil-postijiet f'dak iż-żmien. B'mod uffiċjali l-parroċċa ġiet imwaqqfa u msejħa bħala l-Qala, b'ordni li l-knisja parrokkjali tinbena fuq il-parti tal-Qala msejħa 'ta' Nadur'. Iżda fil-prattika, mal-ħsieb u l-bidu tal-bini ta' din il-knisja parrokkjali l-ġdida, iċ-ċentru soċjali u


Visitatio Parochialis Ecclesiæ sub tit° Beatæ Mariæ Virginis
Casalis Cala.
Die Dominica infra Octavam Ascensionis Dni nri Jesu Xpi
undecima Maij 1698 de mane.

Il-Bidu tal-Viżta Pastorali tal-1698.

reliġjuż beda jdur magħha u allura l-parroċċa bdew isejħulha Nadur l-ewwel fil-prattika, u mbagħad anke uffiċjalment. Haber innifsu jattesta għalih dal-fatt li d-digriet isemmi l-Qala, imma fil-prattika fehmu li l-parroċċa hi n-Nadur. Mal-mixja tas-snin, il-parroċċa ma baqgħetx tiġi magħrufa bħala *Casalis Cala,* imma Nadur, għax fil-prattika hemm kien sar iċ-ċentru tagħha u l-kappillani ġarrew ir-reġistri, dokumenti u anke oġġetti sagri mill-Qala lejn in-Nadur. Fi ftit snin din il-parroċċa tal-Lvant t'Għawdex kulħadd beda jifhimha bħala tan-Nadur. It-tensjoni ta' din id-dikotomija u konfużjoni kienet tinħass sew fl-1698. L-istess Viżta Pastorali li ssejjaħ il-parroċċa bħala 'Casalis Cala' fit-titlu, kif ġiet uffiċjalment imwaqqfa, imbagħad tmur tirreferi għal Haber bħala 'Kappillan tan-Nadur'![24] Finalment allura, wara l-1688, il-prassi kienet rebħet b'mod naturali fuq dak li ġie msemmi b'mod uffiċjali, u dan jikkonfermawh dawk kollha li jirreferu għall-'parroċċa tan-Nadur' mill-aħħar deċennju tas-seklu sbatax 'il quddiem. Dan jispjega s-sitwazzjoni kif baqgħet sal-lum.

## Knisja parrokkjali li qed tinbena u San Pietru u San Pawl

Apparti minn hekk, xi ħaġa oħra interessanti hija li fil-Viżta Pastorali tal-1698 tissemma referenza għall-knisja parrokkjali bl-isem ta' 'B.M.V. ta' Nadur'. Din ma tidhirx li hi referenza għall-knisja ta' Santa Marija tal-Qala, imma għall-knisja parrokkjali li kienet qed tinbena fin-Nadur. Uffiċjalment, sal-1698, din il-knisja l-ġdida wkoll kienet rikonoxxuta bħala ddedikata lill-Madonna (ma nafux taħt liema titlu). Fil-fatt, il-Viżta Pastorali ssemmi li fil-knisja parrokkjali l-ġdida, li kienet 'fil-maġġor parti tagħha mibnija,'[25] kien hemm 'ikona' bil-Madonna fin-nofs u San Pietru u San Pawl fuq kull naħa.[26] L-istess, din il-knisja l-ġdida kienet qed tinbena 'fil-parti superjuri tal-Casalis [il-Qala], fil-contrada ta' Nadur.'[27] Iżda mis-sena 1698 sal-1699, minkejja li kienet għaddiet biss ftit aktar minn sena, naraw qabża importanti. Alexander Bonnici jidher li din il-Viżta tal-1699[28] ma tantx taha importanza, għaliex jargumenta li 'l-viżti pastorali tas-snin 1698 u 1699 jixxiebħu. Għalhekk norbtu fuq l-eqdem.'[29] Iżda din l-assunzjoni wasslitu biex jaqbeż dettall mill-aktar fundamentali għall-bidu tal-kult lejn San Pietru u San Pawl fin-Nadur. Id-dettall li qabeż lil Bonnici kien dak li tgħid il-Viżta Pastorali tas-26 t'Ottubru 1699: 'il-[knisja] Parrokkjali l-ġdida taħt l-Invokazzjoni tal-Qaddisin Appostli Pietru u Pawlu fir-Raħal, jew Reġjun Nadur...'[30] Din hija l-ewwel referenza fl-istorja li turi li l-knisja parrokkjali l-ġdida kienet iddedikata lil San Pietru u San Pawl, minkejja li l-kwadru kien għadu l-istess wieħed imsemmi fis-sena ta' qabel (1688), jiġifieri l-Madonna fin-nofs u San Pietru u San Pawl ħdejha.[31] Din Bonnici, minħabba li ta l-ġenb lill-Viża Pastorali tal-1699, ma jsemmiha mkien. Dan minkejja li jsemmiha bosta snin qablu Karm Caruana, li milli jidher apprezza dan id-dettall ħafna aktar minn Bonnici u probabbli rah hu stess għaliex isemmi li qiegħed fil-Kurja ta' Malta.[32] Fil-fehma tiegħi, din l-ewwel referenza li qatt teżisti għal meta San Pietru u San Pawl kienu patruni tan-Nadur, hija fundamentali u jisthoqqilha l-importanza li tixraqilha.

Xorta waħda għadna fil-għama għal x'wassal li l-knisja parrokkjali tan-Nadur tiġi ddedikata lil San Pietru u San Pawl, iżda issa nistgħu ngħidu li uffiċjalment, id-dedikazzjoni tal-knisja inqalbet minn dik tal-Madonna sal-1698 għal San Pietru u San Pawl fl-1699, f'temp allura ta' ftit aktar minn sena. Għidt li ma nistgħux inkunu nafu eżatt kif saret l-għażla favur San Pietru u San Pawl sabiex ikunu protetturi tal-parroċċa tan-Nadur. Iżda teorija plawsibbli ħafna hija din li ġejja. Waqt li fl-1698 meta tissemma l-Madonna bħala titular tal-parroċċa fil-Viżta kien tela' n-Nadur il-Vigarju Ġenerali Mons. Antonio Manso,[33] għal dik tal-1699 li fiha jissemmew San Pietru u San Pawl patruni, kien tela' l-Isqof Cocco Palmieri nnifsu.[34] Din tista' tkun indikazzjoni li mhux ta' min jarmiha li l-Isqof innifsu kellu sehem mill-għażla taż-żewġ Appostli bħala titular tal-knisja proprju waqt iż-żmien li qed insemmu, u nżommu dejjem f'moħħna li dawn kienu diġà jakkumpanjaw lill-Madonna fil-kwadru titulari. Imbagħad minn meta saret il-Viżta, jiġifieri nhar is-26 ta' Ottubru 1699 'il quddiem, ir-referenzi għal San Pietru u San Pawl jibdew jiżdiedu ġmielhom.[35] Jista' jkun li kien l-isqof Cocco Palmieri nnifsu li waqt din il-Viżta tas-26 ta' Ottubru 1699, quddiem il-kwadru tal-Madonna b'San Pietru u San Pawl magħha ddeċieda li din il-knisja kellha tkun iddedikata liż-żewġ Appostli? Dan jista' jissaħħaħ bil-fatt li mis-26 ta' Ottubru 1699 'il quddiem, il-knisja tan-Nadur dejjem tiġi referuta bħala ta' San Pietru u San Pawl, u qatt aktar tal-Madonna.

Meta sar il-kwadru ta' San Pietru u San Pawl li hemm illum u min pittru ma nafux. Nafu biss li sal-1716 kien f'postu fil-knisja parrokkjali.[36] Ftit deċennji biss wara l-eżekuzzjoni tiegħu diġà kienet nibtet ix-xniegħa li dan kien ta' Mattia Preti (li miet fl-1699), u fil-fatt, Padre Pelagio kien konvint minn dan.[37] Mill-banda l-oħra, ir-riċerka fir-reġistri tal-magħmudija biex neżaminaw kemm u meta ngħata l-isem Pietro Paolo lil trabi Nadurin ma tantx kienet konklussiva. Insibu li l-ewwel darba li tarbija Nadurija tissemma għaż-żewġ Appostli kien pjuttost kmieni; dan kien Pietro Paolo Borg li tgħammed nhar it-30 ta' Lulju 1690. Huwa possibbli li l-kwadru titulari l-antik bil-Madonna u San Pietru u San Pawl kien diġà jinsab fin-Nadur? Imbagħad it-tieni darba jkun Pietro Paolo Portelli fis-27 ta' Jannar 1702. Interessanti ħafna kif f'Ġunju tal-1707 kien hemm tliet trabi f'daqqa msemmija għall-Appostli patruni: Pietro Paolo Spiteri (1 ta' Ġunju), Pietro Paolo Debono (9 ta' Ġunju) u Pietro Paolo Mercieca (26 ta' Ġunju). X'seta' kien li ġiegħel tlett itrabi li jissemmew Pietro Paolo f'temp ta' inqas minn xahar, liema proporzjon kien wisq kbir meta mqabbel mas-soltu? Fil-fatt, minn 370 tarbija li tgħammdu fin-Nadur bejn il-15 ta' Lulju 1689 u s-26 ta' Ġunju 1707 kien hemm biss 5 minnhom imsemmija Pietro Paolo li tlieta minnhom huma fl-istess xahar.[38] X'setgħet kienet il-kawża ta' dan? Xi ħaġa relatata ma' dawn l-Appostli? Forsi l-kwadru titulari l-ġdid kien wasal fl-1707? Dawn huma biss mistoqsijiet ipotetiċi u spekulattivi li storikament ma jistgħux jiġu pruvati qabel ma tinstab evidenza konkreta.



Il-Viżta Pastorali tal-1698 issemmi l-knisja parrokkjali ġdida fin-Nadur ddedikata wkoll lill-Madonna.



discedens se contulit ad visitandum Ecclesiam sub titulo Immaculatae Conceptionis B. M. V. dict. della Cala, in qua pro modo exercetur Cura Animarum donec erit expleta fabrica nova Parochialis sub Invocatione Sanctorum Apostolorum Petri et Pauli in Casali sive Regione Nadur et cum prope esset facta brevi mora in … dicta Ecclesia

L-ewwel darba li qatt insibu li l-knisja parrokkjali l-ġdida tan-Nadur kienet iddedikata lil San Pietru u San Pawl. (1699)

Sempliċiment qed inpoġġihom għar-riflessjoni u bħala tħeġġiġa għall-istudju aktar profond ta' dan il-perjodu. Sal-1720 imbagħad, skont Agius de Soldanis, il-festa tal-Appostli martri Pietru u Pawlu kienet diġà qed tiġi ċċelebrata l-Buskett ukoll u n-nies kienu 'jpoġġu f'dan il-ġnien jieklu u jiżfnu sakemm jasal ħin it-tiġrija tal-bhejjem li ssir wara l-għasar.'[39]

Għaddew is-snin, anzi, 184 sena, meta fl-1872 l-istess Qala kellha tiġi mwaqqfa parroċċa mill-isqof ta' Għawdex Antonio Grech Delicata Testaferrata (1813-1876). Matul l-istorja tagħha, il-knisja tal-Kunċizzjoni ġiet stabbilita bħala knisja parrokkjali b'mod uffiċjali biss dakinhar. L-erezzjoni tal-parroċċa fil-Qala tal-1872 ma tfissirx li l-Qala nqatgħet darbtejn. Il-parroċċa tal-1688 li kien jisimha Qala, b'mod naturali maż-żmien ġiet mifhuma bħala Nadur, anke għaliex minħabba li l-isqof ordna l-bini tal-knisja parrokkjali fin-Nadur. Bil-kriterji tal-lum, u mingħajr l-ebda sens ta' xi kompetizzjoni jew parrokkjaliżmu, l-istorja tindika li l-parroċċa li llum hija ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur, tista' leġittimament titraċċa l-oriġini tagħha f'dik il-parroċċa li twaqqfet uffiċjalment fl-1688, minkejja li f'ċirkustanzi differenti, waqt li ta' San Ġużepp u l-Kunċizzjoni fil-Qala twaqqfet fl-1872.

Nixtieq irrodd ħajr lil xi persuni li għenuni fil-bini ta' dan l-artiklu. L-ewwel lil Mons. Dr Joseph Bezzina li provdieli aċċess għal xi materjal primarju. It-tieni lis-Sur George Francis Vella li tiegħu hi t-traskrizzjoni u t-traduzzjoni mil-Latin fl-ewwel u fit-tieni faċċata. It-tielet lis-Sur Dennis Mifsud li provda l-kuntatt ma' Dr Pietro Villotta, kanonista. Nirringrazzja wkoll lis-Sur Stanley J. Portelli għall-provediment ta' xi referenzi u għad-diskussjoni miegħu ta' partijiet mill-artiklu.

© Daniel Meilak B.A. (Hons) (Melit.) • 2014.

Referenzi;

1 http://aboutmalta.com/gozo/bezzina2.html (aċċessat 17 Marzu 2014).
2 'Cum in Prima', Notarial Archives Valletta (NAV), R 792/10, Atti Giovanni-Battista Dorbes, 28 April 1688, 1r.
3 Ibid., 2v.
Traskrizzjoni tas-Sur George Francis Vella.
4 Traduzzjoni tas-Sur George Francis Vella.
5 'Cum in Prima', 6r-v
Traduzzjoni ta' Alexander Bonnici: Alexander Bonnici, *In-Nadur Isir Parroċċa fis-Sena 1688*, (Malta, Reliġjon u Hajja, 1984), 19.
6 Il-Knisja tal-Kunċizzjoni, magħrufa bħala Santa Marija tal-Qala ma nafux eżattament meta nbniet. Fl-1575 il-Viżitatur Appostoliku Mons. Dusina kien sabha mħarbta u mitluqa wara l-attakki tal-furbani. Dan ipprofonaha u għalaqha. Imma din ma sofrietx id-destin ta' ħafna kappelli kampanjoli oħrajn. Il-ħrara lejha kienet bil-wisq kbira. In-nies kienu jriduha. Sewwewha, bnewlha sagristija u zuntier u sal-1615 kienet waħda mill-aktar knejjes miżmumin tajjeb. Il-Knisja kienet iddedikata lil Santa Marija, jew aħjar Tlugħ is-Sema tal-Madonna. Iżda fl-1615, l-Isqof Cagliares iddeċiedha li jibdlilha t-titular għal dak tal-Kunċizzjoni.
7 'Cum in Prima', 5v.
Dwar d-differenza bejn *contrada* jew knisja meta tissemma Santa Marija tal-Qala ara aktar l-isfel.
8 Bonnici, 1988, 18.
9 Joseph Bezzina, 'It-Twaqqif tal-Parroċċa tax-Xagħra 325 Sena Ilu', *Ix-Xagħra*, Milied 2013, 22-27.
10 Tagħrif ikkomunikat lili minn Dr Pietro Villotta, kanonista. Permezz ta' email li kopja tagħha merfugħa għandi. (17 Marzu 2014).
11 'regionis, sive contrada S. Maria de la Cala'
'Cum in Prima', 5v.
12 Ibid., 5v.
13 Ibid., 6r.

14 Arkivju Arċiveskovili ta' Malta (AAM), Visitationes Pastorales (VP) XXV, 547v.
15 Ibid., 549r.
16 Alexander Bonnici, *In-Nadur: Ġrajjiet Kolleġġjata u Bażilika Mxebilkin fil-Ħajja Soċjali t'Għawdex*, Vol. 1 (Malta, Reliġjon u Ħajja, 1984), 94.
17 Giovanni Francesco Abela u Giovanni Antonio Ciantar, *Malta Illustrata Ovvero Della Descrittione di Malta Isola nel Mare Siciliano con le sue Antichità, ed Altre Notitie*, Vol. 3 (Malta, Giovanni Mallia, 1780), 242.
Dan il-ktieb li semmejna huwa reviżjoni aġġornata tal-ktieb famuż ta' Abela:
Giovanni Francesco Abela, *Della Descrittione di Malta Isola nel Mare Siciliano con le sue Antichità, ed Altre Notitie* (Malta, Paolo Bonacota, 1647).
18 Bonnici (1988), 20.
19 AAM, VP XXVII, 406r, 408r/v.
20 Bonnici (1984), 141.
21 'Carte particuliere des isles de Malta et du Gozo, 1719', *Treasures of Malta* 59, Vol. XX, 2 (Easter 2014), 66-75.
Interessanti kif f'din il-mappa jissemma wkoll il-Buskett tan-Nadur, sena qabel ma' De Soldanis jgħid li bdiet tiġi ċċelebrata l-Imnarja fih.
22 Giovanni Pietro Francesco Agius de Soldanis, *Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu*, Giuseppe Farrugia (trad.) Vol. 2. (Malta, Stamperija tal-Gvern, 1953), 64.
L-enfasi hija tiegħi.
23 Abela - Ciantar, 242.
24 AAM, VP XXV, 550r.
25 Ibid., 549v.
Fil-fatt, kif jistqarr Dun Bernard Haber innifsu, f'Mejju tal-1699, huwa diġà kien qiegħed iqaddes ġo fiha fil-Ħdud u fil-festi flok f'dik tal-Kunċizzjoni tal-Qala, minkejja li minn din tal-aħħar kienet għadha tingħata l-kura tal-erwieħ fil-maġġor parti.
26 Ibid., 549v
27 Ibid., 549r.
28 Għall-fini tal-kjarezza, il-Viżta Pastorali tal-1699 qiegħda mniżżla darbtejn: fil-volumi numru XXVI U XXVII. X'inhi r-raġuni ma nistgħux ngħidu, imma huma kopja ta' xulxin.
29 Bonnici (1988), 22.
30 '*...novæ Parochialis sub Invocatione Sanctorum Apostolorum Petri et Pauli in Casali, sive Regione Nadur...*'
AAM, VP XXVII, 406r.
31 Ibid., 408r.
32 Karm Caruana, *In-Nadur u t-Tempju Tiegħu Monumentali* (Malta, 1953), 48-49.
33 AAM, VP XXV, 547v.
34 AAM, VP XXVII, 406r.
35 Ibda mir-rendikont li jibda minn ġimgħa biss wara d-data tas-26 ta' Ottubru 1699 li semmejna, jiġifieri mill-1 ta' Novembru 1699 meta nerġgħu nsibu referenza li l-knisja kienet iddedikata lil San Pietru u San Pawl.
Bonnici (1984), 146.
36 Ibid., 177.
37 Ibid., 181.
38 Arkivju Parrokkjali Nadur (APN), *Liber Baptizatorum*, Vol. 1, nri 1-370.
39 Giovanni Pietro Francesco Agius de Soldanis, *Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu*, Giuseppe Farrugia (trad.) Vol. 1. (Malta, Stamperija tal-Gvern, 1936), 23.

